**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 23 ta' Jannar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Josric Mifsud

Vs

Marianne Cassar

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marianne Cassar ta' 54 sena, bint Joseph Veneziana u l-mejta Elena nee' Mugliett, imwielda Zabbar fl-14 ta' Settembru 1954 toqghod 54, Sqaq Lajri, Zabbar u detentrici tal-karta tal-Identita' numru 750045 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Awissu 2000, ghall-habta tal-11.00 ta' filghaxija gewwa r-residenza u triq barra attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontral-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti bi ksur tal-artikolu 96 u 96 (a) tal-Kodici Kriminali;

b) Talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi ngurja jew hebb jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet

taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzagha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz tal-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali;

c) Talli fl-istess data lok u cirkostanzi kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS 45 Marisa Bartolo skond ma' ccertifika t-tabib Dr. D. Vella Baldacchino, tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa;

d) Talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi kisret il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bil-glied;

e) Talli bil-lejl, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, bi ksur tal-artikolu 338 (m) tal-kodici Kriminali;

f) Talli qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti jew ghamlet gesti oxxeni bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali;

g) Talli volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bi glied, bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali;

h) Talli ma'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku u ma' hallietx jew fixklet waqt li WPS Marisa Bartolo kienet qieghda taghmel dmira bi ksur tal-artikolu 338 (ee) tal-kodici Kriminali;

i) U talli qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku bi ksur tal-artikolu 342 tal-Kodici Kriminali.

Wara illi rat l-Artikoli 95(1), 96 u 96(a), 338 (m), 338 (bb), 338 (dd), 338 (ee) u 342 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet il-provi prodotta u rat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qed issib lill-imsemmija Marianne Cassar, hatja ta’ kif akkuzata.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, qeghda tillibera lill-istess imputata, bil-kondizzjoni illi ma’ taghmilx reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.